

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1438/2003**
tat-12 ta' Awissu 2003

li jippreskrivi regoli ta' implimentazzjoni dwar il-Politika tal-Komunità dwar il-Flotta kif definita fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002

(ĠU L 204, 13.8.2003, p. 21)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 916/2004 tad-29 ta' April 2004	L 163	81	30.4.2004
► <u>M2</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1277/2007 tad-29 ta' Ottubru 2007	L 284	14	30.10.2007



IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1438/2003

tat-12 ta' Awissu 2003

li jippreskrivi regoli ta' implimentazzjoni dwar il-Politika tal-Komunità dwar il-Flotta kif definita fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-utilizzazzjoni sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd taħt il-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 11(5), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 14(2) tagħha,

Billi:

- (1) L-aġġustament tal-kapaċità għas-sajd tal-flotta tas-sajd tal-Komunità għandu jkun monitorjat sew biex ikun imqabbel mar-riżorsi disponibbli. Għal dak il-għan, il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jippreskrivi numru ta' miżuri speċifiċi.
- (2) Għandhom jiġu stabbiliti regoli li jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 mill-Istati Membri, waqt li tittieħed konsiderazzjoni tal-parametri rilevanti dwar il-maniġġjar tal-kapaċità tal-flotta, f'termini ta' tunnellaġġ (GT) u potenza (kW), prevvisti f'dak ir-Regolament kif ukoll fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2369/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2792/1999 li jippreskrivi regoli u arranġamenti dettaljati dwar għajjnuna strutturali tal-Komunità fis-settur tas-sajd ⁽²⁾.
- (3) Livelli ta' referenza għall-kapaċità tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti fl-1 ta' Jannar 2003 għall-flotta ta' kull Stat Membru, bl-eċċezzjoni tal-flotta tiegħu reġistrata fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod.
- (4) Hu meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għall-aġġustament tal-livelli ta' referenza biex jitqiesu l-Artikolu 11(4) u (5), l-Artikolu 13(2) u, għal raġunijiet ta' trasparenza, l-Artikolu 13(1)(b)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u tal-kejl mill-ġdid tal-flotta tal-Komunità li jrid jintemm sa l-aħħar tas-sena 2003 skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta' Settembru li jiddefinixxi l-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd ⁽³⁾, kif emendat bir-Regolament Nru 3259/94 ⁽⁴⁾.
- (5) Hu meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jivvalutaw jekk Stati Membri li jagħtu għajjnuna għal tiġdid wara l-1 ta' Jannar 2003 ikunux iħarsu l-obbligu li jnaqqsu l-livell ta' referenza tagħhom ta' l-1 ta' Jannar 2003 bi 3 % wara l-1 ta' Jannar 2005.
- (6) Talbiet mill-Istati Membri mibgħuta lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2002 biex iżidu l-oġġettivi tagħhom fir-Raba' Programm ta' Gwida Multiannwali (RPGM IV), kif prevvist fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 ⁽⁵⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 179/2002 ⁽⁶⁾, u l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/413/KE ⁽⁷⁾, kif emendata bid-Deċiżjoni 2002/70/KE ⁽⁸⁾, għandhom jitqiesu meta approprijat fid-determinazzjoni ta' livelli ta' referenza.

⁽¹⁾ ĠU L 358, tal-31.12.2002, p. 59.

⁽²⁾ 2 ĠU L 358, tal-31.12.2002, p. 49.

⁽³⁾ ĠU L 274, tal-25.09.1986, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 339, tad-29.12.1994, p. 11.

⁽⁵⁾ ĠU L 337, tat-30.12.1999, p. 10.

⁽⁶⁾ ĠU L 31, 01.02.2002, p. 25.

⁽⁷⁾ ĠU L 175, 03.07.1997, p. 27.

⁽⁸⁾ ĠU L 31, 01.02.2002, p. 77.

▼B

- (7) Hu meħtieġ li jkun stabbilit metodu ta' kalkolazzjoni biex issir stima dwar jekk Stati Membri jirregolawx l-entrati dwar dħul u ħruġ mill-flotot tas-sajd tagħhom skond ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002.
- (8) Biex tiġi kkalkolata l-kapaċità kollha tal-flotta tas-sajd fl-1 ta' Jannar 2003 għandu jingħata trattament speċjali id-dħul fil-flotta ta' bastimenti li dwarhom deċiżjoni amministrattiva kienet ittieħdet bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Diċembru 2002 fi qbil mal-leġislazzjoni applikabbli dak iż-żmien u skond is-sistema nazzjonali dwar dħul u ħruġ notifikata lill-Kummissjoni skond L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 97/413/KE, basta li dawk il-bastimenti jidħlu mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tad-deċiżjoni amministrattiva ta' l-Istat Membru konċernat.
- (9) Regoli dwar l-implimentazzjoni huma meħtieġa għal deċiżjonijiet mill-Istati Membri dwar l-eliġibilità ta' xogħolijiet ta' modernizzazzjoni biex itejjbu s-sigurtà, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, il-kwalità tal-prodott u l-iġjene fuq il-bastimenti kif imsemmi fl-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, biex tkun żgurata stima trasparenti u trattament ugwali għat-talbiet, waqt li jiġi evitat kull sforz akbar fis-sajd bħala riżultat ta' xogħolijiet bħal dawn.
- (10) Żidiet fil-volum magħluq fuq il-gverta prinċipali ma jaffettwawx it-tunnellaġġ ta' bastimenti taħt il-15-il metru fit-tul kollu, skond ir-Regolament (KEE) Nru 2930/86. Għalhekk, il-modernizzazzjoni ta' dawn il-bastimenti 'il fuq mill-gverta prinċipali ma tiġix meqjusa fl-adattament tal-livelli ta' referenza skond l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.
- (11) Hu meħtieġ li jiġu preskritti regoli ta' implimentazzjoni biex ikun żgurat li regoli u proċeduri ċari ikunu stabbiliti għall-mod kif data jiġu trasmessi mill-Istati Membri għal ġo r-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità u jkunu meħtieġa regoli ġodda ta' validazzjoni biex jiggarrantixxu l-kwalità u l-kredibilità ta' dawn id-data.
- (12) Ir-rapporti annwali u s-sommarju tagħhom magħmul mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 għandhom jagħtu stampa ċara ta' l-ekwilibriju bejn il-kapaċità tal-flotta tas-sajd u l-opportunitajiet għas-sajd.
- (13) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għas-Sajd u l-Akwakultura ma tax opinjoni dwar il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament fiż-żmien preskritt mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

GĦAN U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Għan

Dan ir-Regolament jippreskrivi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-Kapitolu li jirrigwarda l-Politika dwar il-Flotta tar-Regolament (KE) Nru 23171/2002. Għandu japplika għall-kapaċità għas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità ħlief dawk il-bastimenti li huma:

- (a) użati esklussivament għall-akwakultura kif imfisser fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999, jew
- (b) reġistrati fl-iktar reġjuni imbiegħda ta' Franza, il-Portugall u Spanja kif indikat fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat.

▼ B*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

▼ M2

1. “GT_{a1}” jew “it-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li joħorġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006”: ifisser it-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006. Fil-formola dwar il-livell ta' referenza fit-tunnellaġġ fl-Artikolu 4, dan il-valur jitqies biss għall-ammont ta' kapaċità li kien eċċeda t-tnaqqis ta' tunnellaġġ meħtieġ għall-konformità mal-livelli ta' referenza fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

Fil-każ ta' l-Istati Membri Ġodda, “GT_{a1}” jew “it-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li joħorġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006” ifisser it-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn id-data ta' l-ađeżjoni u l-31 ta' Diċembru 2006;

▼ B

2. “GT_S” jew “iż-żidiet fit-tunnellaġġ totali mogħtija skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002”: ifissru ż-żidiet fit-total tat-tunnellaġġ mogħtija skond l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u rreġistrati qabel d-data li għaliha ġie kkalkolat il-GT_t;

▼ M2

3. “GT_{a2}” jew “it-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li joħorġu mill-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2006”: ifisser it-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2007 u d-data li l-GT_t jiġi kkalkulat għaliha. Fil-formola dwar il-livell ta' referenza fit-tunnellaġġ fl-Artikolu 4, dan il-valur jitqies biss għall-ammont ta' kapaċità li kien eċċeda t-tnaqqis ta' tunnellaġġ meħtieġ għall-konformità mal-livelli ta' referenza fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

▼ B

4. “GT₁₀₀” jew “it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002”: ifissru t-total tat-tunnellaġġ ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li daħlu fil-flotta bejn l-1 ta' Jannar 2003 u d-data li għaliha ġie kkalkolat il-GT_t, u li dwaru deċiżjoni amministrattiva mill-Istat Membru konċernat kienet ittieħdet wara l-31 ta' Diċembru 2002;

▼ M1

Għall-Istati Membri ġodda “GT₁₀₀” jew “it-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti ta' aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002” tfisser it-total ta' tunnellaġġ ta' aktar minn 100 GT li jkun daħal fil-flotta bejn l-1 ta' Mejju 2004 u d-data li fuqha jiġi kalkolat il-GT, u li dwaru kienet ittieħdet deċiżjoni amministrattiva mill-Istati Membri konċernati biex tingħata għajnuna wara t-30 ta' April 2004;

▼ B

5. “kW_a” jew “il-potenza totali ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2002”: ifissru l-potenza totali ta' bastimenti li ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u d-data li għaliha jkun ikkalkolat il-kWt. Fil-formola dwar il-livell ta' referenza f'potenza fl-Artikolu 4 dan il-valur jitqies biss għall-ammont ta' kapaċità li tkun eċċediet it-tnaqqis ta' potenza meħtieġa għall-konformità mal-livelli ta' referenza skond l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

▼ M1

Għall-Istati Membri ġodda “kW_a” jew “il-potenza totali ta' bastimenti li jħallu l-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru” tfisser il-potenza totali ta' bastimenti li ħallew il-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Mejju 2004 u d-data li fuqha jkun kalkolat il-kW_t;

▼ B

6. “kW₁₀₀” jew “il-potenza totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002”: ifisser l-potenza totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li daħlu fil-flotta bejn l-1 ta' Jannar 2003 u d-data li li għaliha ġie kkalkolat il-kW_t, u li għaliha deċiżjoni amministrattiva biex tingħata għajnuna kienet ittieħdet wara l-31 ta' Diċembru 2002;

▼ M1

Għall-Istati Membri ġodda “kW₁₀₀” jew “il-potenza totali ta' bastimenti ta' aktar minn 100GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2002” tfisser il-potenza totali ta' bastimenti ta' aktar minn 100GT li jkunu daħlu fil-flotta bejn l-1 ta' Mejju 2004 u d-data li fuqha jiġi kalkolat il kW_t, u li dwaru tieħdet deċiżjoni amministrattiva mill-Istati Membri wara t-30 ta' April 2004;

▼ B

7. “GT_t”: tfisser it-tunnellaġġ totali tal-flotta, ikkalkolat f'data speċifika wara l-1 ta' Jannar 2003;
8. “Δ(GT-GRT)” jew “ir-riżultat tal-kejl mill-ġdid tal-flotta”: ifisser d-differenza bejn il-kapaċità totali f'termini ta' tunnellaġġ tal-flotta fl-1 ta' Jannar 2003 u l-istess valur li jkun reġa' ġie kkalkolat darba li l-kejl mill-ġdid tal-flotta kien kompletat skond ir-Regolament (KEE) Nru 2930/86;
9. “kW_t”: tfisser il-potenza totali tal-flotta kkalkolata fi kwalunkwe data wara l-1 ta' Jannar 2003;
10. “gverta prinċipali”: tfisser il-“gverta ta' fuq” kif definita fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kejl tat-Tunnellaġġ tal-Bastimenti, 1969;

▼ M2

11. “L-Istati Membri Ġodda”: tfisser, Stat Membru li l-adeżjoni tiegħu mal-Komunità seħħet wara l-1 ta' Jannar 2003;
12. “kW_r” jew “il-potenza totali tal-magni mibdula b'għanjuna pubblika suġġetta għal tnaqqis fil-potenza”: tfisser, il-potenza totali tal-magni mibdula b'għajnuna pubblika wara il-31 ta' Diċembru 2006 skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 25(3)(b) u (c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 ⁽¹⁾.

▼ B

KAPITOLU II

LIVELLI TA' REFERENZA GĦAL FLOTOT TAS-SAJD

Artikolu 3

L-Iffissar ta' livelli ta' referenza

Il-livelli ta' referenza f'tunnellaġġ (GT) u potenza (kW) għal kull Stat Membru fl-1 ta' Jannar 2003 kif imsemmijin fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, ħliet daww għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, huma preskritti fl-Anness I.

⁽¹⁾ ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

▼ M2*Artikolu 4***Monitoraġġ ta' livelli ta' referenza**

1. Għal kull Stat Membru, għajr għall-Istati Membri Ġodda, il-livell ta' referenza ftunnellaġġ fi kwalunkwe data wara l-1 ta' Jannar 2003 (R(GT)_t) għandu jkun ugwali għal-livell ta' referenza għal dak l-Istat Membru preskritt fl-Anness I fl-1 ta' Jannar 2003 (R(GT)₀₃) aġġustat:

(a) billi jitnaqqsu:

- (i) 99 % tat-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li joħorġu mill-flotta b'għajjnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006 (GT_{a1});
- (ii) 96 % tat-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li jkunu haġġu mill-flotta b'għajjnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2006 (GT_{a2});

(b) u billi jizjeddu:

iż-żidiet ta' tunnellaġġ totali mogħtija skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 (GT_S).

Dawn il-livelli ta' referenza għandhom jiġu determinati skond il-formola li ġejja:

$$R(GT)_t = R(GT)_{03} - 0,99 GT_{a1} - 0,96 GT_{a2} + GT_S$$

Meta kapaċità ġdida għas-sajd tingħaqad mal-flotta skond il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 13(1)(b)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 il-livelli ta' referenza msemmijin fit-tieni subparagrafu jridu jitnaqqsu b'35 % tat-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajjnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002 (GT₁₀₀) skond il-formola li ġejja:

$$R(GT)_t = R(GT)_{03} - 0,99 GT_{a1} - 0,96 GT_{a2} - 0,35 GT_{100} + GT_S$$

2. Għal kull Stat Membru, għajr għall-Istati Membri Ġodda, il-livell ta' referenza ta' potenza fi kwalunkwe data wara l-1 ta' Jannar 2003 (R(kW)_t) għandu jkun ugwali għal-livell ta' referenza għal dak l-Istat Membru preskritt fl-Anness I fl-1 ta' Jannar 2003 (R(kW)₀₃) kif aġġustat bit-tnaqqis tal-potenza totali ta' bastimenti li joħorġu mill-flotta b'għajjnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2002 (kW_a) u 20 % tal-potenza totali tal-magni mibdula b'għajjnuna pubblika suġġetta għal tnaqqis fil-potenza (kW_r).

Dawn il-livelli ta' referenza għandhom jiġu determinati skond il-formola li ġejja:

$$R(kW)_t = R(kW)_{03} - kW_a - 0,2 kW_r$$

Meta kapaċità ġdida għas-sajd tingħaqad mal-flotta skond il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 13(1)(b)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, il-livelli ta' referenza msemmijin fit-tieni subparagrafu jridu jitnaqqsu b'35 % tal-potenza totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajjnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002 (kW₁₀₀) skond il-formola li ġejja:

$$R(kW)_t = R(kW)_{03} - kW_a - 0,2 kW_r - 0,35 kW_{100}$$

▼ B

KAPITOLU III

AMMINISTRAZZJONI TA' DĦUL U ĦRUĠ▼ M2*Artikolu 6***Kapaċità għas-sajd tal-flotta fl-1 ta' Jannar 2003**

Għajr għall-Istati Membri Ġodda, għall-finijiet ta' l-Artikolu 7 il-kapaċità għas-sajd f'termini ta' tunnellaġġ (GT₀₃) u potenza (kW₀₃) fl-1 ta'

▼M2

Jannar 2003 għandha tkun determinata waqt li jitqies, skond l-Anness II, id-dħul ta' bastimenti li jkun ibbażat fuq deċiżjoni amministrattiva mill-Istat Membru kkonċernat li tkun ittieħdet bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002 bi qbil mal-leġislażzjoni applikabbli f'dak iż-żmien, u partikolarment skond is-sistema nazzjonali ta' dħul/ħruġ notifikata lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni 97/413/KE ⁽¹⁾, u li jseħħ mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data tad-deċiżjoni amministrattiva.

*Artikolu 6a***Kapaċità għas-sajd tal-flotta ta' l-Istati Membri Ġodda fid-data ta' l-adeżjoni**

Għall-Istati Membri Ġodda, għall-finijiet ta' l-Artikolu 7a il-kapaċità għas-sajd f'termini ta' tunnellaġġ (GT_{acc}) u potenza (kW_{acc}) fid-data ta' l-adeżjoni għandha tkun determinata waqt li jitqies, skond l-Anness III, id-dħul ta' bastimenti li jkun ibbażat fuq deċiżjoni amministrattiva mill-Istat Membru kkonċernat li tkun ittieħdet sa minn ħames snin qabel id-data ta' l-adeżjoni, u liema dħul ma jseħħx aktar tard minn ħames snin wara d-data tad-deċiżjoni amministrattiva.

*Artikolu 7***Monitoraġġ ta' dħul u ħruġ**

1. Biex jitħares l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 kull Stat Membru, għajr għall-Istati Membri Ġodda, għandu jiżgura li f'kull ħin il-kapaċità għas-sajd f'tunnellaġġ (GT_t) hi ugwali jew inqas mill-kapaċità għas-sajd fl-1 ta' Jannar 2003 (GT_{03}) kif aġġustata:

(a) billi jitnaqqsu:

- (i) 99 % tat-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li jhorgu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2006 (GT_{a1});
- (ii) 96 % tat-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li jkunu ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2006 (GT_{a2});
- (iii) 35 % tat-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002 (GT_{100});

(b) u billi jizjeddu:

- (i) iż-żidiet ta' tunnellaġġ totali mogħtija skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 (GT_S);
- (ii) ir-riżultat tal-kejl mill-ġdid tal-flotta ($\Delta(GT-GRT)$).

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-formola li ġejja tkun imħarsa:

$$GT_t \leq GT_{03} - 0,99 GT_{a1} - 0,96 GT_{a2} - 0,35$$

$$GT_{100} + GT_S + \Delta(GT-GRT)$$

2. Biex jitħares l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, kull Stat Membru, għajr għall-Istati Membri Ġodda, għandu jiżgura li f'kull ħin il-kapaċità għas-sajd f'termini ta' potenza (kW_t) hi ugwali jew inqas mill-kapaċità għas-sajd fl-1 ta' Jannar 2003 (kW_{03}) kif aġġustata billi jitnaqqsu:

- (a) il-potenza totali ta' bastimenti li jhorgu mill-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2002 (kW_a);
- (b) 20 % tal-potenza totali tal-magni mibdula b'għanjuna pubblika suġġetta għal naqqis fil-potenza (kW_r);

⁽¹⁾ ĠU L 175, 3.7.1997, p. 27.

▼ **M2**

- (ċ) 35 % tal-potenza totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija wara l-31 ta' Diċembru 2002 (kW_{100}).

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-formola li ġejja tkun imħarsa:

$$kW_t \leq kW_{03} - kW_a - 0,2 kW_r - 0,35 kW_{100}$$

*Artikolu 7a***Monitoraġġ tad-dħul u hrugħ fl-Istati Membri Ġodda**

1. Biex jitħares l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, kull Stat Membru Ġdid għandu jiżgura li f'kull ħin il-kapaċità għas-sajd f'termini ta' tunnellaġġ (GT_t) hi ugwali jew inqas mill-kapaċità għas-sajd fid-data ta' l-adeżjoni, (GT_{acc}) kif aġġustata:

(a) billi jitnaqqsu:

- (i) Għall-Istati Membri Ġodda li l-adeżjoni tagħhom mal-Komunità seħħet fl-1 ta' Mejju 2004, – 98,5 % tat-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li jkunu ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika bejn dik id-data u l-31 ta' Diċembru 2006 (GT_{a1});
- (ii) Għal kull Stat Membru Ġdid, 96 % tat-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li jkunu ħarġu mill-flotta b'għajnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2006 (GT_{a2});
- (iii) Għal kull Stat Membru Ġdid, 35 % tat-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija fid-data ta' l-adeżjoni jew wara (GT_{100});

(b) u billi jizjeddu:

- (i) iż-żidiet ta' tunnellaġġ totali mogħtija skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 (GT_s);
- (ii) ir-riżultat tal-kejl mill-ġdid tal-flotta ($\Delta(GT-GRT)$).

Kull Stat Membru Ġdid għandu jiżgura li l-formola li ġejja tkun imħarsa:

$$GT_t \leq GT_{acc} - 0,985 GT_{a1} - 0,96 GT_{a2} - 0,35 GT_{100} + GT_s + \Delta(GT-GRT)$$

2. Biex jitħares l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, kull Stat Membru Ġdid għandu jiżgura li f'kull ħin il-kapaċità għas-sajd f'termini ta' potenza (kW_t) hi ugwali jew inqas mill-kapaċità għas-sajd fid-data ta' l-adeżjoni, (kW_{acc}) kif aġġustata billi jitnaqqsu:

- (a) il-potenza totali ta' bastimenti li joħroġu mill-flotta b'għajnuna pubblika fid-data ta' l-adeżjoni jew wara (kW_a);
- (b) 20 % tal-potenza totali tal-magni mibdula b'għanjuna pubblika suġġetta għal tnaqqis fil-potenza (kW_r);
- (ċ) 35 % tal-potenza totali ta' bastimenti b'aktar minn 100 GT li jidħlu fil-flotta b'għajnuna pubblika mogħtija fid-data ta' l-adeżjoni jew wara (kW_{100}).

Kull Stat Membru Ġdid għandu jiżgura li l-formola li ġejja tkun imħarsa:

$$kW_t \leq kW_{acc} - kW_a - 0,2 kW_r - 0,35 kW_{100}$$



KAPITOLU IV

ŻIEDA FIT-TUNNELLAĠĠ BIEX TIŻDIED IS-SIGURTÀ ABBORD, IL-KONDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL, L-IĠJENE U L-KWALITÀ TAL-PRODOTT

Artikolu 8

Eliġibilità ta' talbiet għal żieda fit-tunnellaġġ

Talba għal żieda fit-tunnellaġġ ta' bastiment skond l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 għandha tiġi kunsidrata bħala eliġibbli bla ħsara għall-konformità mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-bastiment ma jkunx diġà ġie mogħti żieda fit-tunnellaġġ skond dawk id-disposizzjonijiet;
- (b) il-bastiment għandu tul totali ta' 15 m jew aktar;
- (ċ) l-età tal-bastiment, kkalkolata bħala d-differenza bejn id-data li tkun waslet l-applikazzjoni u d-data li jkun daħal fis-servizz kif imfisser fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2930/86, hi għall-inqas ħames snin;
- (d) iż-żieda fit-tunnellaġġ tkun ir-riżultat ta' xogħolijiet ta' modernizzazzjoni li jridu jsiru bl-għan li jittejjbu s-sigurtà abbord, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-iġjene jew il-kwalità tal-prodott;
- (e) ix-xogħolijiet imsemmija fil-punt (d) ma jżidux il-volum taħt il-gverta prinċipali;
- (f) ix-xogħolijiet imsemmija fil-punt (d) ma jirriżultawx f'volum miżjud fl-istivi tal-ħut jew fit-tagħmir tas-sajd.

Artikolu 9

Responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu stima tat-talbiet għal żieda fit-tunnellaġġ u jiddeċiedu jekk humiex eliġibbli skond il-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 8.
2. L-Istati Membri għandhom iżommu inkartament għal kull bastiment li dwaru deċizzjoni dwar żieda fit-tunnellaġġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 tkun ittieħdet. Dak l-inkartament għandu jinkludi l-informazzjoni teknika kollha użata fl-istima tat-talba ta' l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu dawn l-inkartamenti disponibbli għall-Kummissjoni fuq talba bla telf ta' żmien.

KAPITOLU V

ĠBIR TA' INFORMAZZJONI

Artikolu 10

Ġbir ta' informazzjoni mill-Istat Membru u l-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni lill-Kummissjoni.

1. Kull Stat Membru għandu jiġbor informazzjoni dwar:
 - (a) kull dħul jew ħruġ mill-flotta;
 - (b) kull modernizzazzjoni ta' xi bastiment li taffettwa l-kapaċità għas-sajd.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw għall-inqas l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:
 - (a) in-numru intern u l-isem tal-bastiment;

▼B

- (b) il-kapaċità għas-sajd tal-bastiment f'GT u kW;
- (ċ) il-port ta' reġistrazzjoni tal-bastiment;
- (d) in-natura u d-dati tal-ġrajjet li ġejjin:
 - (i) il-ħruġ (e.g. ir-rimi, esportazzjoni, trasferiment lil Stat Membru ieħor, intrapriża bejn diversi, trasferiment għal xi attività oħra),
 - (ii) id-dħul (e.g. kostruzzjoni, importazzjoni, trasferiment minn Stat Membru ieħor, trasferiment minn xi attività oħra), jew
 - (iii) modernizzazzjoni, li tgħid jekk hijiex għal raġunijiet ta' sigurtà skond l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;
- (e) jekk il-ġrajja hijiex sostnuta b'għajjnuna pubblika;
- (f) jekk approprijat, id-data tad-deċiżjoni amministrattiva mill-Istat Membru biex jagħti dik l-għajjnuna;
- (g) fil-każ ta' modernizzazzjoni, il-modifika tal-potenza (f'kW), il-modifika fit-tunnellaġġ (f'GT) 'il fuq u 'l isfel mill-gverta prinċipali.

3. Sakemm tiġi adottata l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet previsti fl-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, l-Istati Membri għandhom jgħaddu l-informazzjoni li tmur lil hinn mill-iskop tar-Reġistru tal-Flotta tal-Komunità preżenti kif imfisser bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2090/98 ⁽¹⁾ f'forma elettronika.

KAPITOLU VI

BDIL TA' INFORMAZZJONI U RAPPORT ANNWALI*Artikolu 11***Bdil ta' informazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni l-informazzjoni relatata ma' l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Komunità li għandha x'taqsam mal-politika dwar il-flotta u li tinkludi li ġej:

- (a) regoli u istrumenti nazzjonali ta' implimentazzjoni li jiżguraw konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;
- (b) proċeduri amministrattivi dwar monitoraġġ u sorveljanza u informazzjoni li jinvolvu lill-awtoritajiet;
- (ċ) informazzjoni dwar żvilupp fil-kapaċità tal-flotta, partikolarment dwar ħruġ lura u tiġdid b'għajjnuna pubblika;
- (d) pjanijiet dwar tnaqqis mill-flotta biex ikun hemm konformità mal-livelli ta' referenza meta approprijat;
- (e) informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-kapaċità tal-flotta fl-iżjed reġjuni imbiegħda fejn għandhom x'jaqsmu trasferimenti ta' bastimenti bejn il-medda l-kbira tal-pajjiż u r-reġjuni l-aktar imbiegħda;
- (f) informazzjoni dwar l-impatt fuq il-kapaċità tal-flotta dwar skemi ta' limitazzjoni ta' sforzi, partikolarment meta jkunu jiffurmaw parti minn pjan ta' rkupru jew pjan ta' tmexxija għal numru ta' snin;
- (g) kull informazzjoni oħra meqjusa rilevanti u siewja għall-iskop ta' bdil ta' informazzjoni u l-aħjar prattiċi bejn l-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 266, 01.10.1998, p. 27.



Artikolu 12

Rapport annwali

1. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni sat-30 ta' April ta' kull sena, f'forma elettronika, rapport dwar l-isforzi tiegħu fis-sena ta' qabel biex jikseb bilanċ sostenibbli bejn il-kapaċità għas-sajd u l-oppurtajiet għas-sajd.

2. Fuq il-bażi tad-data fir-Reġistru tal-Flotta tal-Komunità u informazzjoni fir-rapporti riċevuti skond il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha theggi sommarju u tippreżentah lill-Kumitat Xjentifiku Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd u lill-Kumitat għas-Sajd u l-Akwakultura stabbiliti skond l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, qabel il-31 ta' Lulju ta' kull sena.

Dawk iż-żewġ kumitati għandhom jgħaddu l-opinjoni tagħhom lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena.

3. Sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat is-sommarju flimkien mar-rapporti mehmużin miegħu ta' l-Istati Membri lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' l-opinjoni jiet tal-kumitati msemmijin fil-paragrafu 2.

Artikolu 13

Informazzjoni li għandu jkun hemm fir-Rapporti Annwali

1. Ir-rapporti mill-Istati Membri kif previst fl-Artikolu 12 għandu jkun fihom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) deskrizzjoni tal-flotot tas-sajd f'relazzjoni mas-sajd: żvilupp(i) matul is-sena ta' qabel, inkluż sajd kopert minn pjanijiet ta' tmexxija jew irkupru għal numru ta' snin;
- (b) l-impatt fuq il-kapaċità għas-sajd ta' skemi għal tnaqqis ta' sforzi fis-sajd adottati skond pjanijiet ta' tmexxija jew ta' rkupru għal numru ta' snin jew, jekk approprijat, skond skemi nazzjonali;
- (ċ) informazzjoni dwar il-konformità ma' l-iskema dwar dħul/ħruġ u mal-livell ta' referenza;
- (d) rapport fil-qosor dwar il-punti ta' dgħufija u saħħa fis-sistema tal-maniġġjar tal-flotta flimkien ma' pjan dwar titjib u informazzjoni dwar il-livell ġenerali ta' konformità ma' dokumenti ta' politika dwar il-flotta;
- (e) kull informazzjoni dwar tibdil fi proċeduri amministrattivi li għandu x'jaqsam mal-maniġġjar tal-flotta.

2. Ir-rapporti mill-Istati Membri m'għandhomx ikunu itwal minn 10 paġni.

Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



ANNEX I

LIVELLI TA' REFERENZA MINN STATI MEMBRI ⁽¹⁾

Stat Membru	Livelli ta' referenza 1 ta' Jannar 2003	
	R(GT) ₀₃	R(kW) ₀₃
Il-Belġju	23 372	67 857
Id-Danimarka	132 706	459 526
Il-Ġermanja	84 262	175 927
Il-Greċja	119 910	653 497
Spanja (esklużi l-kapaċità reġistrata fil-Gżejjer Kanari fil-31 ta' Diċembru 2002) ⁽²⁾	728 344	1 671 739
Franza (esklużi l-oġġettivi ta' l-RPGM għas-segmenti tad-Dipartimenti Barranin Franċiżi) ⁽³⁾	230 257	920 969
L-Irlanda	86 981	230 226
L-Italja	229 862	1 338 971
L-Olanda	213 139	527 067
Il-Portugall (esklużi l-oġġettivi ta' l-RPGM IV għas-segmenti ta' l-Azores u Madeira) ⁽⁴⁾	171 502	412 025
Il-Finlandja	23 203	216 195
L-Isvezja	51 993	261 028
Ir-Renju Unit	286 120	1 129 194
Total	2 381 651	8 064 221

⁽¹⁾ Il-livelli ta' referenza jistgħu jiġu riveduti biex jitqiesu bastimenti li kienu jeżistu fil-31 ta' diċembru 2002 iżda li ma kienux koperti mill-rpgm iv jew li ma kienux reġistrati fid-data li tlestiet din it-tabella.

⁽²⁾ Il-livelli ta' referenza għal Spanja, inklużi l-Gżejjer Kanari, huma ta' 783 113 GT u 1 793 251 kW. Dawn il-livelli ta' referenza jistgħu jiġu riveduti fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiffissa l-livelli ta' referenza għall-Gżejjer Kanari skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.../2003 (COM(2003) 175).

⁽³⁾ Il-livelli ta' referenza għal Franza, inklużi d-Dipartimenti Barranin, huma ta' 259 838 GT u 1 164 805 kW.

⁽⁴⁾ Il-livelli ta' referenza għall-Portugall, inklużi l-Azores u Madeira, huma ta' 194 756 GT u 492 844 kW.

▼ B*ANNEX II***REGOLI GĦALL-KALKOLAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ GĦAS-SAJD F'TERMINI TA' TUNNELLAĠĠ (GT₀₃) U POTENZA (kW₀₃) FL-1 TA' JANNAR 2003**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

1. GT_{FR}: tfisser il-kapaċità għas-sajd tal-flotta fl-1 ta' Jannar 2003 f'termini ta' tunnellaġġ kif ikkalkolata fuq il-bażi tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità;

▼ M2

2. GT₁: tfisser, it-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li jidħlu fil-flotta b'għajjnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2002 abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li tkun ittieħdet bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, u li għalih tkun għet irtirata kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002;

▼ B

3. GT₂: tfisser it-tunnellaġġ totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 b'għajjnuna pubblika bażat fuq deċiżjoni amministrattiva li ttehdet bejn l-1 ta' Jannar 2002 u t-30 ta' Ġunju 2002 f'segment ta' l-RPGM IV li ma kienx jikkonforma ma' l-oġġettivi tiegħu, li minnu jsir irtirar ta' kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2002;

▼ M2

4. GT₃: tfisser, it-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li jidħlu fil-flotta mingħajr għajjnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2002 abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li tkun ittieħdet bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, u li għalih tkun għet irtirata kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002;

▼ B

5. GT₄: tfisser it-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 mingħajr għajjnuna pubblika bażat fuq deċiżjoni amministrattiva li ttehdet bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Diċembru 2001 f'segment ta' l-RPGM li ma kienx jikkonforma ma' l-oġġettivi tiegħu, li minnu l-irtirar ta' kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika iseħħ wara l-31 ta' Diċembru 2002;
6. kW_{FR}: tfisser il-kapaċità għas-sajd tal-flotta fl-1 ta' Jannar 2003 f'termini ta' potenza kif kalkolata fuq il-bażi tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità;

▼ M2

7. kW₁: tfisser, il-potenza totali ta' bastimenti li jidħlu fil-flotta b'għajjnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2002 abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li tkun ittieħdet bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, u li għaliha tkun għet irtirata kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002;

▼ B

8. kW₂: tfisser il-potenza totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 b'għajjnuna pubblika bażata fuq deċiżjoni amministrattiva li ttehdet bejn l-1 ta' Jannar 2002 u t-30 ta' Ġunju 2002 f'segment ta' l-RPGM IV li ma kienx jikkonforma ma' l-oġġettivi tiegħu, li minnu kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika isseħ wara l-31 ta' Diċembru 2002;

▼ M2

9. kW₃: tfisser, il-potenza totali ta' bastimenti li jidħlu fil-flotta mingħajr għajjnuna pubblika wara l-31 ta' Diċembru 2002 abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li tkun ittieħdet bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, u li għaliha tkun għet irtirata kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002;

▼ B

10. kW₄: tfisser il-potenza totali ta' bastimenti li daħlu fil-flotta wara l-31 ta' Diċembru 2002 b'għajjnuna pubblika bażata fuq deċiżjoni amministrattiva li ttehdet bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Diċembru 2001 f'segment ta' l-RPGM IV li ma kienx jikkonforma ma' l-oġġettivi tiegħu, li dwarha kapaċità assoċjata mingħajr għajjnuna pubblika isseħ wara l-31 ta' Diċembru 2002.

▼B

Il-kapaċità għas-sajd tal-flotta espressa f'termini ta' tunnellaġġ GT_{03} u potenza kW_{03} , kif imfisser fl-Artikolu 6, għandha tiġi kalkolata bil-formoli li ġejjin:

$$GT_{03} = GT_{FR} + GT_1 - 0,35GT_2 + GT_3 - 0,30GT_4$$

$$kW_{03} = kW_{FR} + kW_1 - 0,35kW_2 + kW_3 - 0,30kW_4$$

▼ M2

ANNEX III

**REGOLI GĦALL-KALKOLU TAL-KAPAĊITÀ GĦAS-SAJD F'TERMINI
TA' TUNNELLAĠĠ (GT_{acc}) U POTENZA (kW_{acc}) GĦALL-ISTATI
MEMBRI ĠODDA FID-DATA TA' L-ADEŻJONI**

Għall-iskopijiet ta' dan l-Anness:

1. GT_{FR} : tfisser, il-kapaċità għas-sajd tal-flotta fid-data ta' l-adeżjoni f'termini ta' tunnellaġġ kif ikkalkulata abbażi tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità;
2. GT_1 : tfisser, it-total ta' tunnellaġġ ta' bastimenti li jkunu daħlu fil-flotta wara d-data ta' l-adeżjoni abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li tkun ittieħdet sa minn ħames snin qabel id-data ta' l-adeżjoni;
3. kW_{FR} : tfisser, il-kapaċità għas-sajd tal-flotta fid-data ta' l-adeżjoni f'termini ta' potenza kif ikkalkulata abbażi tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità;
4. kW_1 : tfisser, it-total ta' potenza ta' bastimenti li jkunu daħlu fil-flotta wara d-data ta' l-adeżjoni abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva li tkun ittieħdet sa minn ħames snin qabel id-data ta' l-adeżjoni;

Il-kapaċità għas-sajd tal-flotta, indikata f'termini ta' tunnellaġġ GT_{acc} u potenza kW_{acc} , kif definit fl-Artikolu 6a, għandha tiġi kkalkulata skond dawn il-formoli:

$$GT_{acc} = GT_{FR} + GT_1$$

$$kW_{acc} = kW_{FR} + kW_1$$